MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Settembru, 2010

Numru 902/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anna Marie Micallef)**
**vs**

**RAINER SCERRI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Rainer Scerri ta’ 22 sena, iben Gerald u Victoria nee’ Grech, mwieled l-Pieta’ nhar is-16 ta’ Gunju 1988, residenti gewwa l-fond 34, Triq il-Hnejja, Sliema, detentur ta’ karta tal-Identita’ numru 283788(M),

Billi gie akkuzat talli nhar it-28 t’ Awwissu 2010, ghall-habta tas-sebgha u kwart ta’ filghaxija (19:15hrs), gewwa l-Pixxina Nazzjonali tal-Qroqq, Msida

1. Bil-hsieb li jikkawza feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ dr. Stefano Camilleri M.D., wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta’ bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, fejn ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ ta’ Ranier Scerri.

2. Hedded lil xi persuna ohra b’gebel jew xi oggett iehor jew tefa’ xi gebla jew oggett iehor fuq il-post fejn ikun qed isir il-loghob jew fuq xi parti ohra tal-ground ta’ l-isports (Pixxina Nazzjonali), jew li, filwaqt li kien diehel fi ground ta’ l-Isports, filwaqt li kien qieghed hemmhekk jew kien hiereg minn hemm kellu fuqu xi arma jew xort’ohra gab ruhu b’mod li setgha inkiser il-bon ordni;

3. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, filwaqt li kien qieghed fi ground ta’ l-isports, uza kliem offensiv u/jew gab ruhu abbuzivament;

4. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi qal kliem indecenti u/jew oxxejn fil-pubbliku;

5. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser l-paci pubblika u l-bon ordni b’ghajjat u glied;

6. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghamel lil haddiehor ingurja jew theddid mhux msemmija band’ohra f’dan il-kodici jew jekk kien ipprovokat, ingurja b’mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

7. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, m’obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija waqt li kienu jaghmlu d-dmirijiet taghhom jew b’xi mod iehor indahal fid-dmirijiet taghhom;

8. Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb kontra persuni sabiex jingurjhom, idejjaqhom jew jaghmel hsara kontra l-istess persuni jew lil haddiehor.

Il-Qorti giet mitluba meta jidrilha xieraq, li tordna lil Rainer Scerri, jigi sospendut fi kwalunkwe ground sportiv ghall-perjodu ta’ mhux aktar minn sena.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens tal-Avukat Generali li jinsab a fol. 12 tal-Process u nnutat li l-imputat Rainer Scerri m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi ta’ l-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fis-Seduta tallum, l-imputat, Seduta stante, skuza ruhu dwar l-akkadut mal-parte civile Dr Stefano Camilleri M.D. presenti fl-Awla.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 41(1)(a), 216, 338(bb), 338(dd), 339(1)(e), 338(ee) u 339(1)(d) tal-Kap. 9 u ir-Regolamenti 6, 7 u 9 tal-Avviz Legali 88 tal-1978.

Issib lill-imputat Rainer Scerri, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-Proceduri, il-fedina penali tal-imputat u li fis-Seduta tallum, l-imputat, Seduta stante, skuza ruhu dwar l-akkadut mal-parte civile Dr Stefano Camilleri M.D. presenti fl-Awla, tillibera lill-imputat Rainer Scerri taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett

(3) snin millum u inoltre tikkundanna lill-istess imputat Rainer Scerri ghall-piena ta’ seba’ mitt Euro (Euro 700) multa.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Rainer Scerri b’obbligazzjoni personali ta’ elf Ewro (Ewro 1000) li jzomm il-kwiet ma’ Dr Stefano Camilleri M.D. u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tar-Regolament 9 (2) tal-Avviz Legali 88 tal-1978 tipprojbixxi lill-imputat Rainer Scerri milli jattendi f’xi ground ta’ l-isports ghal zmien hames (5) xhur millum.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Rainer Scerri l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------